**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU:2901**

**Każ Nru: 4000/JB.** **Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**Bejn**

**Brian Buttigieg (KI 0102677M)**

**U**

**Crane Currency Malta Limited**

**Illum:14 ta'April, 2023**

**Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta.**

**Chairman: Is-Sur John Bencini B.A. (Hons) Lic.Phil., M.O.M.**

## FATTI TAL-KAZ

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ta'Brian Buttigieg tramite l-Avv. Abigail Critien fit-23 ta' Settembru, 2021. Ir-rikorrent jesponi illi kien impjegat mas-Socjeta' intimata bħala pre press operator 1, mis-16 ta' Ottubru 2017 fuq bażi full-time. Huwa kellu introjtu gross ta Euro39,706.42 kif jirrizulta minn Dok B. Permezz t'ittra datata l-11 ta' Ġunju 2021, is-socjeta' intimata akkużat lir-rikorrent, li deliberatament wettaq ħsara fuq propjetà' tal-kumpanija u li permezz ta' l-istess ħsara, prova jitfa' dubju fuq il-ħidma mwettqa minn ħaddiema oħra fl-istess grupp tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-akkużi ġew ikkontestati mill-istess rikorrent waqt is-smiegħ dixxiplinarju li sehh l-14 ta'Ġunju u anke qabel.

Illi l-fatti li taw lok għall-ittra msemmija aktar'l-fuq kienu s-segwenti:

1. Illi nhar id-9 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent tkellem mal-maniġer tiegħu, Dermen Galea sabiex jitolbu l-opinjoni tiegħu fir-rigward ta' "wiper 2" minħabba il-fatt li r-rikorrent, meta kien ra l-istess wiper, kien indeciz jekk tali wiper setax jintuża jew le b'dan però li qal lill-maniġer tiegħu li tali wiper seta' jgħaddi. Dermen Galea, wara spezzjoni li wettaq fuq l-istess apparat, ikkonkluda li l-istess wiper ma'kellux jintuża u għalhekk abbazi ta'tali deċiżjoni, r-rikorrent issuġġerixxa wkoll li l-istess wiper ma'jiġix użat u jithalla fil-kundizzjoni tale quale sabiex l-ħaddiem li kien ipprepara tali wiper jiġi mitkellem. Ġie għalhekk deċiż li l-imsemmi wiper ma kellux jintuża;
2. Illi kien propju abbażi ta' din id-deċiżjoni li r-rikorrent bagħat e-mail lill-kollegi tiegħu sabiex il-wiper in kwistjoni ma' jintużax u sabiex ma'jsiru ebda tip ta' arranġamenti fuqu u ma' jiġix użat;
3. Illi nhar l-10 ta' Ġunju 2021, Derman Galea, wettaq ispezzjoni fuq wiper 2 bl-intenzjoni li jindirizza l-problema mal-ħaddiem li kien ħadem fuq tali wiper l-ahhar u wara li uża l-għodda neċessarja sabiex wettaq l-ispezzjoni, ikkonkluda li l-wiper kien f'kundizzjoni aċċettabbli sabiex ikun jista' jintuża;
4. Ir-rikorrent li kien konxju mid-deċiżjoni tal-istess Dermen Galea fis-sens li tali wiper ma kellux jintuża u b'intenzjoni ġenwina sabiex ma jkunx hemm problemi fil-futur reġa'

ċċekkja l-wire hu stess u sab illi l-istess wiper 2, ma kienx f'kundizzjoni li seta' jintuża u għalhekk, bagħat e-mail lil kollegi tiegħu sabiex l-istess wiper 2 ma jintużax;

5. Illi wara li ra l-email li bagħat Brian Buttigieg, Dermen Galea, nhar il-11 ta' Ġunju 2021, wettaq ispezzjoni oħra fuq l-istess wiper bl-istess għodda li kien kejjel fil-ġurnata ta' qabel u kien f'dan il-punt li l-imsemmi Dermen Galea allega diskrepanza konsiderevoli bejn il-qisien li kien kejjel fil-ġurnata ta' qabel u dawk ,li sab nhar il-11 ta' Ġunju 2021. Madankollu, Dermen Galea, qatt ma speċifika x'kienu l-ammonti ta' diskrepanza fuq l-istess wiper, kif ukoll ma ressaq ebda evidenza li tipprovdi li dawn l-ammonti kienu tant li ħħallew l-apparat f'kundizzjoni li ma' setax jintuża;
6. Illi nhar il-11 ta' Ġunju 2021, Dermen Galea staqsa lir-rikorrent jekk ħalliex ir-Roller Room mingħajr ebda tip ta' superviżjoni b'dan li r-rikorrent irrisponda fin-negattiv u kien hawn li Dermen Galea allega għal-ewwel darba li saret ħsara volontarja fuq l-imsemmi wiper;
7. Illi nhar l-14 ta'Ġunju 2021, ir-rikorrent insista quddiem il-bord tad-dixxiplina li ma wettaq ebda ħsara fuq il-wiper, kif ukoll wara spezzjoni li huwa għamel fuq l-istess wiper 2, sab li ma' kien hemm ebda differenza minn meta hu stess kien iċċekkja l-istess apparat qabel. Is-Shift Print Maniġer on Duty dak il-hin, qabel ma' Brian Buttigieg illi l-apparat m a'setax jintuża għal-produzzjoni kif wkoll li fl-ebda mument ma' halla r-Roller Room waħedha mingħajr superviżjoni.
8. Illi permezz ta' ittra datata t'22 ta' Ġunju 2021 (Dok.D), is-soċjetà intimata allegat li fil-mument meta r-rikorrent kien qiegħed jispezzjona l-apparat magħruf bħala wiper 2, wettaq ħsara fuq l-istess apparat billi uża forza żejda fuqu u l-impieg tal-istess rikorrent ġie tterminat. Din ċertament mhux il-verżjoni korretta tal-fatti, il-ghaliex ir-rikorrenti fl-ebda mument ma' uża ebda forza eċċessiva sabiex ikejjel l-apparat in kwistjoni sabiex jiddetermina jekk kienx f'qagħda li jintuża ghall-produzzjoni.
9. Illi m'huwiex minnu li l-uniku intervent fuq l-apparat sar minn Brian Buttigieg, dan għaliex kif ġie msemmi permezz tal-istess ittra ta' tkeċċija kien hemm diversi individwi li jifformaw parti mill-morning shift li għamlu użu minn wiper 2 u propju ppreparaw l-istess sabiex jintbagħat għall-printing. Dermen Galea ukoll wettaq diversi spezzjonijiet fuq l-istess apparat matul il-ġranet tad-9, l-10 u l-11 ta' Ġunju 2021;

Illi meta wieħed jikkonsidra l-fatti kif-ġraw, wieħed mill-ewwel jirrealizza li dak li ried jagħmel ir-rikorrent kien li jaċċerta ruħu li x-xogħol li joħroġ ikun tal-kwalità' pattwita u tal-standards aċċettabbli- aġir li hu għamel fl-aħjar interessi tal-kumpanija u li spiċċaw biex wasluh għall-proċeduri ta' dixxiplina intortament u eventwalment wassluh ukoll għat-tkeċċija mill-impieg tiegħu;

Illi għalhekk, jirrizulta li, t-tkeċċija tar-rikorrent minn mas-Socjeta' Intimata kienet waħda inġusta u invalida fil-liġi.

Is-soċjeta' intimata minn naħa tagħha tesponi illi l-allegazzjoni li t-tkeċċija tar-rikorrent minn naħa tagħha kienet inġusta u invalida fil-liġi. Hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Sintetikament il-fatti ta' dan il-każ huma s-segwenti:

1. Illi fid-9 ta' Ġunju 2021, ir-Rikorrent esprima dubju mas-Section Manager tieghu, is-sur Dermen Galea, dwar l-użu ta' komponent/apparat partikulari li tintrama fil-magna magħrufa bhala 'wiper 2'. Wara spezzjoni viżwali u superfiċjali, Dermen Galea, ta direzzjoni illi l-imsemmi apparat ma kellux jintuża dak ix-xift (Doc. A)
2. Illi l-għada, 10 ta' Gunju 2021, Derman Galea wettaq spezzjoni aktar bir-reqqa tal-istess wiper, fejn irriżulta illi minkejja illi viżwalment dan l-apparat ma deherx komparabbli, kien

fil-fatt fi stat aċċettabbli sabiex jintuża ghal-finijiet ta' produzzjoni. Konsegwentement ta' struzzjoni sabiex l-imsemmi 'wiper 2' seta' jintuża fuq il-produzzjoni (Doc,C)

3. Illi l-għada, 11 ta' Ġunju 2021, Dermen Galea wettaq spezzjoni oħra fuq'wiper2' wara li ra l-email tar-rikorrent. Illi hu sab diskrepanzi sostanzjali meta qabbel ir-rizultanzi ma dawk tal-ispezzjoni li wettaq il-ġurnata preċedenti u dan minħabba il-fatt illi huwa kien uża l-istess għodda biex iwettaq iż-żewġ spezzjonijiet.
4. Illi jiġi preċiża illi bejn l-ispezzjonijiet tal-10 u l-11 ta' Ġunju l-imsemmi apparat baqa' ma intuzax fuq il-produzzjoni u għalhekk ma kien hemm xejn li seta' jispjega din id-diskrepanza.
5. Illi kien għalhekk illi Dermen Galea beda jindaga jekk setax kien hemm xi tip ta'ħsara volontarja u talab lir-Rikorrenti kienx halla r-Roller Room miftuħa u mingħajr superviżjoni;
6. Illi r-rikorrent innega illi halla r-Roller Room mingħajr kwalunkwe tip ta' superviżjoni. Huwa ukoll innega illi volontarjament ikkaġuna xi ħsara fuq il-wiper u sostna li fil-perijodu bejn l-ispezzjonijiet imsemmija huwa kien mar sabiex jiccekkja l-wiper fejn kien uża ftit pressjoni fuqu.
7. Illi permezz ta' Ittra ta' Charge datata, 11 ta' Ġunju 2021 (Doc C anness mar-rikors promotur tar-Rikorrent), ir-rikorrent gie mitlub jattendi laqgħa dixxiplinari sabiex iwiegeb għall-akkuża illi huwa kien deliberatament għamel ħsara lill-propjeta' tas-socjeta esponenti u li pprova jwaħħal ir-responsabiltà' ghal din il-hsara lill-kollega tiegħu;
8. Illi waqt il-laqgħa dixxiplinari li saret nhar l-14 ta'Ġunju 2021, ir-rikorrent rega innega kwalunque responsabilta' għall-ħsara u pprova jaghti l-impressjoni li l-wiper dejjem kien inutilizzabbli u li dan kien konfermat mis-superjur tiegħu stess l-ewwel darba li kien iccekja l-wiper, b'hekk huwa ipprova jixhed dawl ikrah fuq id-diskrezzjoni tas-superjur tiegħu meta fit-tieni spezzjoni tiegħu ddecieda li l-istat tal-imsemmi apparat kien wieħed aċċettabbli. Madankollu wara li ġie verifikat CCTV footage relattiv, u dan waqt l-laqgħa stess fuq talba ta' l-istess rikorrent, irriżulta bl-aktar mod car li bejn l-ispezzjonijiet tal-10 u 11 ta' Ġunju, illi r-rikorrent kien qiegħed intenzjonalment juza forza eċċessiva fuq l-imsemmi apparat magħruf bhala 'wiper 2'.
9. Illi wara talba sabiex tiġi sospiża l-laqgħa ta' dixxiplina da parti tar-rikorrent stess, liema talba ġiet aċċettata mis-socjeta' intimata, waqt il-laqgħa sussegwenti li saret nhar il-18 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent ammetta għall-allegazzjonijiet miġjuba kontrih, appologizza u indika illi huwa kien ikkaġuna tali ħsara għaliex kien irrabjat mal-kumpanija u ma' Dermen Galea b'mod partikolari.
10. Illi l-kumpanija wara qieset il-fatti, ċ-ċirkostanzi u l-ammissjoni stess tar-rikorrent, iddeċidiet illi kien hemm raġunijiet validi skond il-ligi li ttermina l-impieg tiegħu, liema decizjoni giet ikkomunikata lilu permezz ta' ittra datata 22 ta' Ġunju 2021 (Dok D annessa mar-rikors promotur tar-rikorrenti);
11. Illi ir-rikorrent appella d-decizjoni tal-kumpanija, liema appell instema waqt laqgha li nżammet nhar 24 ta' Gunju 2021. Illi waqt din il-laqgha r-rikorrent reġa' biddel il-verzjoni tiegħu, liema verżjoni mhux biss qal imma kienet pprezentata minnu waqt l-laqgħat dixxiplinari tal-14 u t-18 ta' Ġunju 2021 u tabilhaqq tikkonfliggi mal-verżjoni tieghu waqt l-istess laqgħa, talli l-imsemmija verzjoni hija kontradetta mill-fatti u l-provi kollha f'dan il-każ. Illi kien għalhekk illi l-kumpanija ikkonfermat id-deċiżjoni taghha ta' tkeċċija, liema deċiżjoni finali ġiet ikkomunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 24 ta' Ġunju 2021(Dok.D)
12. Ir-raġunijiet li wasslu għat-terminazzjoni tar-rikorrent huma ta' natura gravi u serji illi jirrendu l-kontinwazzjoni tal-impieg tar-rikorrent mas-soċjeta' intimata impossibbli. Għalhekk t-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrent hija ġusta u valida skond il-liġi.

**PROVI ( Sintesi )**

F’dawn il-proċeduri xehdu: Brian Buttigieg (Ir-Rikorrent), Dermen Galea, Raymond Zammit, John Scott, u Mariella Marinkovic.

Brian Buttigieg : Ir- rikorrent (Pre-press Operator): (12/11/21), Fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa, ir-rikorrent qal li il-wiper,’ tiċċekkja qabel tkun ser taqtgħu ghax inutli taqtghu u toħorġu jekk ikun maqlugh”….kompla jgħid li…Dermen Grech, il-manager iccekjah u qallu li mhux tajjeb.. Kompla jghid li kienu flimkien fil-kamra u dan fid-9 ta’Ġunju, l-Avv. Karl Briffa staqsa: Fid-dok A, inti qed tghid li hemm problema b’wiper 2, fid-dok B, il-maniġer tieghek qed jgjhid grazzi talli gbittina l-attenzjoni, pero’, wara li għamilt il- verifiki, jirrizulta li huwa tajjeb u erġajt poggejtu lura fil-produzzjoni, fid-Doc C, qed tghid, “jien ma naqbilx miegħek lil manager, u inti qed tgħid li inti dahhaltu lura -“do not touch wiper 2, dik is-sekwenza qed taqbel maghha? Ir-rikorrent wiegeb, “Mhmm, iva. Ir-rikorrent qal li tkellem max-xift maniġer Joseph Farrugia u dan qallu li l-wiper 2 ‘mhux tajjeb’ u ‘ħallejnih hemm fil-genb, gol-roller room. Ir-rikorrent qal li dik kienet decizjoni li ha hu… għax ahna suppost jekk naraw xogħol hazin barra indahhluh.”

Seduta: 4/11/22, L-Avv. Abigail Critien tagħmel bosta mistoqsijiet lir-rikorrent- meta mitlub jgħid u jispjega x’shift kien, ma’ min kien, xi tkellem? Ir-rikorrent, Brian Buttigieg wieġeb hekk,” Jiena dhalt morning shift nara x’hemm xogħol, qbadt il-wiper 2, jekk mhux sejjer żball u tellajtu fuq it-torn ghax kien ikkaverjat biex taqtghu u toħorġu ghall-production. Kif tellajtu fuq it-torn u ccekkjajtu s-sides, ghax parti mill-proċess li ticcekkjah by side, indunajt li n-naħa tax-xellug, il-middle layer, minn mal-base, kien maqlugh u anke mat-top kien maqlugh u kien hemm l-ispazju. Peress li daqqa hekk, stennejt lil Dermen jidħol fis-sebgha halli jarah u niddeciedu flimkien jekk hux tajjeb jew le. Dahal Dermen, gie hdejja, u ccekkjah, ghamiili hekk, hares lejh jigifieri u qalli ‘ nizzlu’, jigifieri nizzlu, nehhilu l-layers u erga’ ibnilu l-middle layer, umbaghad, in the meantime, qabad il-famuza sikkina u ccekkjah ukoll….dahhalha u qalli,” le, irid jerga jinbena, dort fuqu jien u ghidtlu,:jien, l-opinjoni tieghu li nnizluh minn fuq it-torn, niktbulu ‘do not touch’ u urih operator li ghamel il-covering biex inti tghidlu, ‘isma, dan darb’ohra ma niksuhx hekk bit-top layer’, qabel mieghi, nizziltu, ktibtlu n’do not touch’ u bghatt email ta’ x’kien gara bejni u bejn Dermen dakinhar…. Din l-email bghattha lit-team tar-roller room u lil Dermen…. L-ghada dhalt xoghol bil-lejl, hadt handover….. u rajt dan il-famuz wiper 2, ittawwaltlu u rajtu li ghadu kif kien meta jien u Dermen tkellimna u qalli li hu hazin. Qbadtu, dahhalttu ‘ gewwa..biex l-ghada xi hin lil Dermen ktibtlu ‘ do not touch’, ergajt iccekkjatu..bis-sikkina u ktibtlu ‘do not touch’, biex meta jigi Dermen jispjega li kif l-ewwel qalli li dan mhux tajjeb sahasitra biex innehhilu il-layers u niksih u hu kien iddecieda li jippolixxjah u johorgu ghall-production, Jien dahhaltu, ktibtlu, ‘do not touch’ u bghatt email li jien dahhalt il-wiper, ergajt bghatt email lill-management u kif din id-decizjoni nbidlet u hekk jigifieri, bghatt email biex inkun naf ghaliex kien hemm decizjoni differenti meta dan lili gurnata qabel qalli li mhux tajjeb ghall-production, u komplejt nahdem mal-lejl. L-ghada kont rest, ircevejt telefonata, messagg ghandikun u telefonata m’ghand Dermen biex immur ghax-xoghol ghax ried ikellimni fuq xi haga zghira….. mort ix-xoghol u nsib lil Mariella u lilu b’ittra u qalli li ha jibdew proceduri ghax jien baghbast il-wiper.

Dwar il-kamera ix-xhud qal li jaf li kien hemm il-kamera ghax ‘kont ili fil-Crane meta kienet ghadha qed tinbena, jigifieri jien kont parti mir-Roller Room meta wahhlu l-cameras….” Ir-rikorrent xehed ukoll kompla jghid,…” tani c-charge, rajnieh qalli “ ghax int, you tampered with the wiper, insomma jien ghidlu ‘le, jiena qatt m’ghamilt hekk”, ghidlu,”jien ghamilt l-istess procedura li nagħmel dejjem”.Qalli,”zgur?”……… umbaghad kien qalli ridx lil xi hadd tal-Union u kien gie Alex u mbaghad morna u regghu ghajtulna darb’ohra, umbaghad meta

ntwera l-video, Alex kien ix-Shop Steward u ma riedx qisu dan u dahal David bhala Segretarju u bdejna l-proċeduri. Jien kont sospendut mix-xoghol, jigifieri sospendut, haduli l-card. Fl-Appell kien hemm John Scott, Ray Zammit u Mariella…… jiena qatt m'ammettejt mal-Kumpanija…tant hu hekk li komplejt bil-process biex nara x'gara eżatt u għaliex imkeċċi.

Fuq mistoqsija mill-Avv. Abigail Critien dwar il-fatt li David qal li r-rikorrent kien maħruq, ix-xhud wiegeb li "jien qatt ma kont maħruq, jien just ridt clarification għaliex il-wiper, l-ewwel qalli li kien ħażin, imbagħad l-għada gie tajjeb u ħareġ fuq il-production… ridt inkun naf għaliex inbidlet id-decizjoni… ir-rikorrent xehed li id-deċiżjoni tal-appell kienet "li niġi mkecci".

Dermen Galea (Print Technical Support). Ix-xhud qal…"jiena meta kont ħriġt l-istandards fi-26 t' April u 'tajthom perijodu biex huma jiġu familjari ma' dawn l-istandards għalkemm huma diga kienu jafu xogħolhom tajjeb. (Dan id-dokument huwa esibit f'Dok BB wieħed. Xhud xehed ukoll li talab lil Melanie," ejja inti ha tiġġudika int l-wiper kif rajtu jien…. Melanie qaltlu," jien għalija l-wiper m'għandu xejn ħażin, imma jidher visually il-qasma dak il-layers bejn il-base u l-middle'. Ghidtilha, 'prosit, wasalt waħdek", qaltli, "il-bqija ma' dawn l-istandards all right". Meta ġie ċċekkjat 'il-qasma kemm qiegħda fonda,..'ġibna r-riga u bdejna jiċċekkjaw. X'hin bdejna niccekkjawh, billi l-qasma kienet dawra kollha, bdejna niccekkjaw id-dawra kollha, imma gara illi parti minn tad-dawra, ir-riga minflok waqfet sa 0.5, baqgħet diehla…u anke qabżet il-1.5 centimeters; u jiena dak il-hin iggammjajt. Ghidtilha," Melanie, jiena dawn naf x'iċċekkjajt il-bieraħ, ma kienux hawn",qaltli,"imma inti ċert?, ghidtilha," ċert fuq li cert, ejja ha niccekkjaw in-naħa l-ohra"……… u bdejna niccekkjawh, imma gara l-istess parti fejn sibna n-naħa li r-riga baqghet dieħla, l-istess gara n-naha l-oħra fejn dahlet kwazi 2 centimetres. Ghidtilha, "Melanie, issa iktar u iktar ċert illi dawn ma kienux hawnhekk, jiena naf x'iccekkjajt il-bieraħ, jien ghandi r-ritratti u bghatt l-email tal-wiper, kien tajjeb, dan xi haġa gralu"…….ix-xhud umbaghad kellem lis-superjuri ta" Mariella l-HR. u gharraftha dak kollu li kien gara. Minn hemmhekk Umbagħad li hemm bzonn ninvestigawha, jien gharraft lis-superjur tiegħi ukoll li gara hekk… u qalli,"all right, mexxi". Ix-xhud kompla jgħid waqt din ix-xhieda semma li "Brian akkuzani li jien qed niddiskriminah…" Flimkien max-shop Steward, nżilna naraw il-cameras…flimkien, kollha kemm aħna bic-Chairman b'kollox fil-kamra fejn jaraw il-videos is-Security….. sibna li fl-10 ta' Ġunju, meta Brian kien night shift, rajna lil Brian imur u dieħel ghax-xoghol, diehel bil-wiper, mill-production qed jerga' jdahhlu fil-roller room u tefgħu fin-nofs, kixfu, iccekkjah visually, rajnih jaqbad sikkina, imur f'kull ġenb u ghalina - jien għalija hekk hadtha-li dan qed ikissru….dan viżwalment. Kien hemm Brian, ix-Shop Steward, kien hemm ic-Chairman, kien hemm jiena, kien hemm l-HR Mariella…. Ix-xhud kompla jgħid li," Ir-reazzjoni tax-Shop Steward kienet li rtira lura, qalilna, "ha nkellem waħdi lil Brian", u ftit wara qalilna," jiena dawn l-affarijiet m'humiex ta' idejja, ha neskala l-affarijiet lil David Darmanin. Waqt il-'hearing' u fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa, x'ammetta?, ix-xhud wieġeb 'li bghabas il-wiper għax kien irrabjat"……Ix-xhud qal."Meta tara l-footage, jiena hemmhekk għalija bghabas il-wiper".

Raymond Zammit (Technical Manager).: " On the 18th of June, sar it-tieni meeting fejn David Darmanin attenda l-meeting. Kien hemm jiena, Mariella, Dermen, David, Brian u Alex. After some discussion, similar to the first meeting held…..David said that he does not need to see footage and that yes. Brian used excessive force with wiper as he was angry. Il-kelma li intużat hija,"mahruq", ghax kien maħruq with Derman.

John Scott ( Lead of Crane Currency, Malta) : "…. I"ve been in the industry 56 years, all around the world, I've trained people in the roller rooms in the Philippines, Hong Kong, whatever, and all the process, and all the equipment that those wiping rollers are used on, I'm probably seen as the world's expert, if anyone wants to contradict that's up to them. The

severity of those machines being down, every time we lose an hour on one of those presses we lose quarter of a million bank notes, as simply as that, we lose a quarter of a million bank notes on a process, the key process, the actions that I viewed - because I"ve seen the video - were deliberate. I was shocked. Aktar tard fix-xhieda tieghu, is-Sur John Scott fuq mistoqsija tal-Avv. Karl Briffa,"Is there anything else you'd like to add in the context of why we're here, effectively?", ix-xhud wiegeb hekk," Not at all, I mean the severity of it, the impact of it, the potential cost to the business of it is major. But, I think, the most disappointing thing for me was the lack of remorse, there was one apology and that came from David Darmanin not from the individual himself, I don't know what to say about that, because there was never any question about, " did the gentleman do this?", it was accepted and David came along to disagree with that, but to just say, can you reduce the severity of the decision?"

Mariella Marinkovic ( Director of HR International ) : Ġejt involuta billi l-assistenta tiegħi, Melanie Seychell informatni li Dermin Galea li huwa l-Head tar-Roller Room…xtaq illi jifhem daqsxejn iżjed fuq x'kien gara lil wiper partikulari fis-sezzjoni tiegħu. Dermin ġie fl-Ufficcju… Dermin cempel lil Brian u ftiehem ma' Brian biex jiġi..on site….iltqajna mieghu jiena u Dermin…..Dermin staqsa lil Brian," isma Brian, dal-wiper missejtu? Għamlitlu xi haga? U qallu, "iva" jiena dahhaltu mill-produzzjoni, minn fejn kien lest jitla' fuq il-production, ergajt dahhaltu lura fir-roller room. Dermin umbaghad qallu," iccekkjajt dan il-wiper?", qallu," iva, iccekkjatu imma kemm missejtu", u uriena b'subghajh illi qed jagħfas b'idejh.

**TRATTAZZJONI (Sintesi)**

L-Avv. Karl Briffa għas-soċjetà' Crane Currency Malta Ltd beda billi qal li din il-kawża hija pjuttost semplici. Is-sur Brian Buttigieg kien jaħdem fir-roller room. Bejn id-9 ta' Ġunju u il-11 ta' Ġunju 2021 graw sensiela ta' avvenimenti. Gara li is-sur Buttigieg waqt li kien xogħol fid-9 ta' Gunju ra li r-Roller 2 ma kienx kif suppost. Sejjaħ lil ta' fuqu, s-Sur Darmin Galea u b'mod virtwali qallu jidher li għandek ragun. L-ghada filgħodu s-Sur Galea ghamel verifika mhux viżwali imma bl-istrument kif suppost u ra li dan kien within il-parametri jew l-istandards u iddeċieda li dan jista' joħroġ ghall-produzzjoni. Fix-shift immedjatament wara, anzi ħames minuti qabel ma beda ix-shift, daħal fil-post tax-xoghol u mingħajr hadd ma tah struzzjonijiet jew awtorita' gibdu lura u dahhlu fir-roller room. Hemm il-footage li ġie esebiet fejn it-taparsi iċċekkjar tieghu jidher car illi he is tampering with it. Għaddew ftit minuti u bagħat email lil kulhadd fejn qalilhom li ma jaqbilx ma Darmin Galea. Ir-roller mhux tajjeb għall-produzzjoni u dahhaltu lura u waqqaftu.

Meta mar lura Darmin Galea l-għada u vverifika sab illi dak li kien vverifika fl-10 ta' Ġunju u dak li sab fil-11 ta'Ġunju meta rega' dahhal l-istrument biex jiċċekkja, kien hemm varjanza, U dik il-varjanza minn fejn ġiet? Ġiet propju minn dak it-tampering li sehh fil-ġurnata ta' qabel. Ir-rikorrenti kien ilu tlett snin mal-kumpanija, kien irċieva zgur training u kien ilu tmien snin qabel ma' De La Rue jagħmel l-istess xoghol. Il-footage se jurik illi meta dahhlu lura kien fil-ħamsa u erbghin minuta. Meta kien qiegħed ibabas kien ezattament wara qabel is-sitta. U meta effettivament ġie s-shift leader biex jiċċekkja kien is-2.52b minuta ta' filgħodu tal-ghada ghax ix-shift kien mill-lejl għal filghodu. Fuq livell ta' beyond reasonable doubts illi qeghdin nuru illi dak illi effettivament sehh fuq dak ir-roller kien l-azzjoni tar-rikorrent.

Għandek sitwazzjoni fejn għandek filli qed jipprova jikkwestonja dak illi qed jgħid is-superjur tiegħu. Għandek is-sitwazzjoni illi ried kważi, forsi qed nuza kelma iebsa, ried ipattihielu, ried iġibu illi dana ma kienx jaf x'inhu jagħmel is-superjur tiegħu ghalex kellu dak in-note in file. Ic-Chairman diġà rah Il-footage imma nistieden jerga jarah, L-azzjoni li qed jagħmel huwa

evidenti li mhuwiex ta' inti ddahhal xi haġa u hrigtha. Imma li qiegħed jidhol u qed jagħti bi sforz u dana jista' jiġi verifikat mhux bl-azzjoni ta ħaddieħor. Imma bl-azzjoni tiegħu stess ghax fil-footage ha ssib sitwazzjoni ta' kif kien ivverifika roller f'sitwazzjonijiet oħra. L-avv. Karl Briffa irrefera għal parti zghira mix-xhieda tas-Sur Scott li kien iddeċieda l-appell, illi qal minkejja l-appell kollu, dan l-appell kien ibbażat propju ghax id-decizjoni kienet 'too harsh'.

L-Avv. Christopher Vella għar-rikorrent: Hawn qed nitkellmu dwar individwu li b'kollox kellu ħdax il-sena esperjenza f'din l-industrija, erba' snin minnhom mal-Crane Currency u f'dawn is-snin kollha ma qalax imqar warning wahda. Il-memo-to-file li irrefera ghaliha il-kollega tieghi, pressopoco xahar u nofs qabel ma kienitx xi forma ta' 'warning'. Anzi l-memo stess tghidlek li 'this does not constitute a verbal or written warning". Forsi huwa kaz sempliċi ghall-kollega, pero' ghal Brian Buttigieg ma kienx sempliċi. Ir-rikorrent tkeċċa kiesah u biered wara erba' snin jaħdem ma Crane Currency. Il-kumpanija marret għall-miżura estrema, li jitkecca there and then on the spot dak il-hin. U mhux li jinghata xi ċans iehor. Il-verita' hi li Brian Buttigieg irrealizza li kien hemm dan il-wiper li kien difettuż u ghax huwa responsabbli rrapporta lis-superjur tiegħu Darmin Galea. Is-sabieha hi li Darmin Galea meta ġibditlu l-attenzjoni fuq dan il-wiper, qallu," iva ghandek ragun, vera difettuż. Ma kkontradixxihx. Izda l-għada Darmin Galea ddecieda li jibdel id-deċiżjoni tieghu u il-wiper li qabel ma kienx tajjeb, issa f'daqqa waħda sar tajjeb,meta ir-realta' li ma kienx hemm direzzjoni ċara ta'dawn il-wipers kif għandhom ikunu safejn huma aċċettabbli.. Mela f'wiċċu qallu accettabbli, by email quddiem sħabu qallu 'le', mhuwiex aċċettabbli.. bil-kontra, huwa aċċettabbli. L-għada, ir-rikorrent rega' ccekjah biex jara għalfejn dak li kien ħażin sar tajjeb. U hawnhekk donnu fejn qam kollox. Kien hawn fejn saret allegazzjoni li kienet saret ħsara volontarja fuq il-propjeta' tal-kumpanija.. li hawnhekk ir-rikorrenti ġie sospiz, saru l-proceduri u keccewh u hawnhekk instemgħet b'uhud mix-xhieda, li donnu ghax Darmin Galea ma kienx ġentili bizejjed ma' dan il-wiper, għax donnu uza' xi aggressivita'zejda għalhekk tkecca Brian Buttigieg.

Darmin Galea u Ray Zammit jikkonfermaw li anke huma għamlu xi interventi fuq dan il-wiper mingħajr ma ghajtu lil Brian biex jattendi. U kien hawn fejn qalu lil-Brian, isma' dan il-wiper m'huwiex bħal ma kien il-bierah. Ħareġ car li r-roller room fejn ikun hemm dawn il-wipers ma tkunx dejjem mghassa. L-istess Marinella Marcovic xehdet li m'hemmx bieb li jista' jissakkar, izda hemm ċinga. Seta' kien hemm intervent minn individwi oħrajn li forsi riedu ħsara lil Brian. Ir-rikorrent qatt ma ammetta li hu għamel xi hsara fuq il-propjetà' tal-kumpanija u dan ġie kkonfermat minn Darmin Galea li fil-kontro-eżami tieghu hass li kellu jitlob li jiġi kkorreggut.

Saret anke allegazzjoni li is-sur David Darmanin qal li Brian Buttigieg kien maħruq. L-avv. Christopher Vella qal ma rajtha tirriżulta minn imkien mill-provi. Nispera, kompla l-Avukat,' li ma kienitx dik il-kelma li waslet għat-tkeċċija'.

Tul il-proċeduri hareg car ghalfejn ir-Rikorrent kellu bzonn jaghmel it-testing fuq il-wiper. L-ewwel u qabel xejn għax standard operating procedures ma jeżistux. Mela fuq din l-azzjoni li keccejna ndividwu, ma teżistix standard operating procedure li tgħidlu, isma b'dan il-mod. Qaluha diversi xhieda li ma jeżistux standard operating procedures. Trejning dwar dan il-punt, ma ngħatax lanqas lil-Brian Buttigieg. Ħafna drabi, l-operators ikunu fuq il-lant tax-xogħol wahedhom.

Dwar il-footage, l-interpretazzjoni tal-kumpanija hija li dak il-footage juri li qegħda ssir hsara. L'interpretazzjoni ta' din in-naħa ovvjament hija l-kontra. Hija li dak kien parti mit-testing li kien qed jagħmel. Ma kien xejn differenti mill-bqija. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni li b'xi mod issir xi forma ta' ħsara. Is-Sur Buttigieg kien jaf bil-kameras u ghalhekk ma kienx ser

immur taht il-camera li jaf li qegħda hemmhekk.  Fl-ahhar mill-ahhar, il-footage qed jiġi uzat bhala l-prova reġina sabiex nghidu li dan l-individwu kellu l-intenzjoni li jagħmel il-hsara u uża forza eċċessiva. Jiena rajtu l-footage u mhuwiex bl-ebda mod ta' persuna li donnu tilef il-boxxla u ried jagħmel hsara lill-kumpanija. Peccato,jekk naslu f'sitwazzjoni li persuna niddeciedu li nkeccuh jew li skond kemm juri rimors, skond kemm jibki quddiemna, skond kemm ha juri biki tal-kukkudrilli. Is-Sur Brian Buttigieg ma kellux għalfejn juri xi forma ta' rimors.

Ta min isemmi il-fatt li għal xi raguni Mr. Ray Zammit, li ikkonferma hawnhekk li ha d-deċiżjoni hu ta l-ewwel bord, kien preżenti ukoll ghall-proceduri tal-appell. X'inhi r-raġuni li Ray Zammit kien fil-kamra sabiex jisma' l-appell. Ironikament John Scott jiftah ix-xhieda tiegħu billi jghidilna kemm huwa persuna esperjenzat u li huwa a world expert in the field, imbaghad meta mistoqsi il-preżenza ta' Ray Zammit hemmhekk, qal għax kelli bzonn l-assistenza teknika. Meta John Scott ġie mistoqsi wkoll ghala iddeċieda hekk, qal to support the action taken by the first disciplinary proceeding.

L-Avv. Karl Briffa qajjem xi ftit punti. "Id-difiża hija, nipprova inhawwad biex nikkumplikaw. Il-wiper ġie iddikjarat tajjeb. Is-superjur iddikjarah tajjeb, Ma kien hemm l-ebda htiega illi jerga' jigibed lura. Is-sur Brian Buttigieg m'għandux l-awtorita' li hu jmur u jġibha lura mill-produzzjoni, haga li ġiet iddikjarata tajba mis-superjuri tiegħu. Ray Zammit qal li f'40 sena, dik qatt ma grat. Qatt ma grat li persuna fir-roller room jaqbad u joħroġ u jgib wiper mill-produzzjoni. Fuq insistenza ta' Dr. Critien kienu gew esibiti noti ta' Ray Zammit li ha dakinhar waqt is-seduti. U waħda jgħid hekk: *" After some discussion similar to the first meeting held, David said that he does not need to see the footage and that yes Brian used excessive force with wiper and he was angry 'mahruq'."* Dan tempo vergine inkiteb. Dwar il-preżenza ta Ray Zammit fit-tieni bord, jidher ċar li ma hax u ma tax direzzjoni. Kien hemm biss biex jintalab x'seta' kien hemm bżonn fir-rigward ta' dak li gara fl-ewwel bord u jew assistenza teknika, Id-deċiżjoni ittieħdet mis-Sur Scott. Ma setax tqajjem oġġezzjoni dak il-hin? Dik taffettwa d-deċiżjoni finali tal-appell?"

L-Avv. Christopher Vella: Jiena punt wieħed għar-rigward tar-referenza li saret ghan-noti ta' Ray Zammit. Dawn mhumiex minuti li ra Brian Buttigieg jew ir-rappreżentat tiegħu u qabel magħhom u fuq kollox mhumiex minuti li ġew ffirmati. Ma nistgħux nistrieħu fuq noti ta' xhud li tela' hawnhekk u iddeċieda li jippreżentahom meta kien bdew imbagħad inbnew il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedu jekk il-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrent kienitx ghal raguni tajba u biżżejjed skond il-ligi. Dan għamlu billi analizza fid-dettal l-fatti kif johorgu mill-provi u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess u kif riskontrati max-xhieda, d-dokumenti sottomessi mill-partijiet u l-bqija tal-evidenza.

It-Tribunal josserva li irid jiġu evalwat jekk ir-rikorrenti, fil-kwadru tal-provi miġjuba, kienx jimmerita jew le terminazzjoni tal-impieg mill-kumpanija intimata.

It-Tribunal qies bir-reqqa il-provi miġjuba u m'għandu ebda dubju illi dawn jikkonfermaw il-verżjoni tal-kumpanija intimata. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent naqas bil-kbir fil-konfront tas-soċjetà' intimata bil-mod ta' kif ikkomporta ruhu fil-każ li jinvolvi il-"wiper 2". Mill-assjem tal-provi miġjuba joħroġ b'mod l-aktar ċar l-agir tar-rikorrent u anki l-mod ta' kif ipprova jizvija

r-responsabbiltà tiegħu fir-rigward. Fil-fehma tat-Tribunal dan, *se mai*, ikompli jżid mas-serjetà tal-każ u ma jistax iservi ta' attenwanti. Madanakollu, l-fatti tal-każ huma diġà serji fihom infushom. F' dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax ma jagħmilx aċċen fuq dak li xehed is-sur John Scott fir-rigward tal-konsegwenzi tal-każ fuq il-kumpanija intimata meta qal, *"I mean the severity of it, the impact of it, the potential cost to the business of it is major"*. It-Tribunal huwa konvint illi dan huwa minnu.

**DECIDE**

Għaldaqstant meħuda c-ċirkustanzi tal-każ kif ippruvati fit-totalita' tagħhom, dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-terminazzjoni impieg tar-rikorrent kienet waħda ġusta.

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin Euro u sbatax il-Ċenteżmu (Euro 93.17) kull wieħed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)
Is-Sur John Bencini
Chairperson.